**369. Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, jipproponi:**

Billi s-subartikolu (l) tal-artikolu 61 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi l-Kummissjoni Elettorali għandha tirrevedi l-konfini tad-distretti elettorali msemmija fl-artikolu 56(1) tal-istess Kostituzzjoni b'intervall ta' mhux anqas minn sentejn u mhux iżjed minn ħames snin u tista', skont id-dispożizzjoni tal-istess artikolu tbiddel dawk il-konfini safejn tqis mixtieq skont ir-riżultat tar-reviżjoni;

U billi fis-26 ta' Frar 2025 il-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali għarraf lill-Prim Ministru bit-tibdil magħmul mill-Kummissjoni Elettorali għall-konfini tad-distretti elettorali billi tah kopja tar-Rapport tal-istess Kummissjoni li jġib id-data tas-26 ta' Frar 2025;

U billi kif jitlob is-subartikolu (3)(b) tal-istess artikolu 61 tal-Kostituzzjoni l-Prim Ministru poġġa fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati kopja tal-istess rapport fis-seduta numru 328 tal-1 ta' April 2025;

U billi s-subartikolu (3)(ċ) tal-istess artikolu 61 jipprovdi li mhux aktar tard minn ħames xhur wara li l-Prim Ministru jirċievi dak it-tagħrif il-Kamra tista' b'riżoluzzjoni jew tapprova t-tibdil jew tibagħtu lura lill-Kummissjoni biex terġa' tikkunsidrah mill-ġdid;

Għalhekk din il-Kamra għall-fini tal-imsemmi artikolu 61 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għall-finijiet kollha tal-istess Kostituzzjoni u ta' kull Liġi oħra b'din ir-riżoluzzjoni tapprova l-imsemmi rapport tal-Kummissjoni Elettorali datat 26 ta' Frar 2025 bit-tibdil kollu li fih.

**20.05.2025**